**KUNSILL LOKALI ISLA**

**IL-HAMES KUNSILL**

**LAQGHA NUMRU ERBGHIN**

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Ufficju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Guzepp, Isla nhar il-Hamis 6 ta' Settembru 2007 fil-5.30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Prezenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Vici Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Louis Henwood | - | Kunsillier |
| Skuzati : | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Ufficjal Prezenti: | Alphonse Zammit | - | Deputat Segretarju Ezekuttiv |
| Udjenza : | 4 | | |

**AGENDA**

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Bastiment Didon
4. Ground tal-Football
5. Konferma ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv
6. Kuntratti Knis/Bulky Refuse

## 40(1) Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Sindku Joseph Casha ressaq sospensjoni tar-regolamenti ta' procedura biex il-minuti ta' l-ahhar laqgha (nru. 39) jigu mressqa ghall-approvazzjoni tal-Kunsill fil-laqgha li jmiss. Din is-sospensjoni giet milqugha.

## 40 (2) Korrispondenza

### 04/1736/07/I Rizenja ta' Monica Formosa, skrivana tal-Kunsill

Il-Kunsill iddiskuta ir-rizenja tas-sinjorina Monica Formosa, skrivana fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill. Minhabba xi cirkustanzi is-sinjorina Formosa ma setghetx tahdem in-notice.

Waqt id-diskussjoni tqajjem il-punt li jekk il-Kunsill jatwa il-ftehim li is-Sindku u id-Deputat Segretarju Ezekuttiv lahqu mas-sinjorina Formosa dwar in-notice period, il-Kunsill ikun qed imur kontra il-ligi.

Minhabba li is-sinjorina Monica Formosa kellha ittemm hesrem l-impjieg taghha mal-Kunsill, is-Sindku u id-Deputat Segretarju Ezekuttiv lahqu ftehim mas-sinjorina Formosa biex hija tahdem in-notice period taghha wara il-hin tax-xoghol fuq bazi flessibli. Dan sar biex il-hidma tal-Kunsill tibqa miexja u li jsir handover lil persuna li sejra tinghazel biex timla dan il-post vakant.

Is-Sindku stqarr li bhalissa l-ufficcju amministrattiv jinsab minghajr impjegati minhabba li il-persuna li kienet qed taghti is-support services waqfet li tkompli taghmel dan.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada insistiet li jekk isir dan il-Kunsill ma jkunx in order u jkun qed jikser il-ligi ta' CERA u IRA. Ghaldaqstant resqet mozzjoni dwar dan biex 'ga la darba l-impjegata ma tistax tahdem in-notice, din ghandha thallas dik il-parti tan-notice dovuta lil Kunsill skond il-kundizzjonijiet ta' l-Impjieg u ta' Xoghol'

Din il-mozzjoni giet approvata bi 3 favur u astensjoni tas-Sindku Joseph Casha.

### 04/1757/07/I Laqgha tas-Sindki u Vici Sindki

Is-Sindku fakkar lill-Kunsill fil-laqgha tas-Sindki u Vici Sindki li ghandha issir nhar l-14 u il-15 ta' Settembru 2007. Minhabba impenji familjari, is-Sindku Joseph Casha iddelega lil Vici Sindku biex jattendi f'ismu ghal din il-laqgha.

### 04/1805/07/I Talba mis-sur J. Said

Biex jopera Bumping Cars fil-pjazza tal-Macina bejn it-30 ta' Settembru u it-30 ta' Ottubru 2007. Il-Kunsill approva din it-talba ghal hlas ta' Lm6.00 kulljum.

**04/1855/07/I**

Il-Kummissjoni Nazzjonali Disabilita' talbet il-Kunsill biex jaghmel avviz fin-notice board dwar quddies li sejjrin jaghmlu. Dan sar.

**04/1871/07/I**

Talba minn residenta ghal no parking sign. Ghandha issir talba lil ADT u jigi deciz fuq il-post.

Is-sindku Joseph Casha rega fakkar lil Kunsill li sejjra issir laqgha mal-Kap ta' l-Oppozizzjoni u Dr. Chris Cardona, kelliemi ewlieni ghal Kunsilli Lokali. Din sejra issir fis-17 ta' Settembru 2007 fil-Kunsill u ser issir fuq talba taghhom stess. Fit-18 ta' Settembru 2007 sejjer izur l-ghaqdiet fil-lokal ta' l-Isla.

**04/1878/07/I L-arlogg ta' l-Isla**

Permess ta' telefonata li kellhu is-Sindku mal-Perita Jean Frendo, ghal Ministeru ghar-Rizorsi u Infrastruttura, gie infurmat li biex l-arlogg jibda jahdem hemm bzonn li jsir servizz ta' manutenzjoni li jammonta ghal Lm30 li jithallsu mill-Gvern + Vat. Biex dan jibda jithaddem kuljum hemm spejjez ta' madwar Lm500 + Vat fis-sena (Lm10 fil-gimgha) li jridu jithallsu mill-Kunsill.

Il-Kunsill fil-principju qed jaqbel li jiehu responsabbilita' ta' dan is-servizz basta dan l-arlogg jigi devolut lil Kunsill.

**Zvilupp Bacir Nru. 1**

Fit-22 ta' Awissu 2007 il-Kunsill wiegeb ghall-ittra tal-MEPA datata 23 ta' Lulju 2007, fejn il-Kunsill baghat il-kummenti u l-oggezzjonijiet tieghu rigward l-izvilupp tal-progett Bacir Nru. 1 (PA 8201/06)

**40(2) Bastiment Didon**

Ghal din il-laqgha gie mistieden Dr. Jose' Herrera (avukat tal-Kunsill) biex jaghti parir lil Kunsill dwar kif ghandu jmexxi fuq dan il-kaz.

Is-Sindku waqqaf il-laqgha ghal ftit biex tkun tista' issir diskussjoni ma dawk prezenti (li soffrew id-danni) flimkien mal-Kunsill.

Meta regghat bdiet il-laqgha tal-Kunsill, is-Sindku stqarr li minn dak li ntqal jindika li hemm diversi persuni li soffrew danni li kienu qed jilhqu ftehim mas-surveyor tal-kumpanija tal-vapur. Hemm minnhom li diga thallsu il-flus li qablu maghhom ghad-danni li soffrew.

Jekk jidher li mhux sejjer jintlahaq ftehim ghal kulhadd, il-parir ta' l-avukat kien li issir ittra ufficcjali u issir kawza mill-Kunsill ghad-danni globali li soffrew in-nies u il-Kunsill biex b'hekk jassiguraw il-hlas ta' kulhadd.

**40 (3) Konferma mill-gdid ta' Deputat Segretarju fil-Kunsill**

Is-Sindku informa lil Kunsill li il-hsieb tieghu kien li jigi appuntat Deputat Segretarju Ezekuttiv biex jkun jista' jaggixxi fl-assenza tas-sur Zammit, Segretarju Ezekuttiv.

Pero wara konferma li saret mad-Dipartiment ghal Gvern Lokali gie iccarat li is-sur Zammit diga qed jagixxi bhala Deputat Segretarju Ezekuttiv sakemm jinstab replacement ghal dan il-post vakant.

Ghaldaqstant il-Kunsill ma jistax jappunta Deputat Segretarju Ezekuttiv iehor..

Il-Kunsill diga kiteb lid-Direttur ghal Gvern Lokali biex jigwida lil Kunsill x'passi ghandu jiehu f'dan ir-rigward.

**40 (4) Letter of Intent dwar Ground tal-Football**

Is-Sindku informa lil Kunsill li ghalkemm il-kaxxa ghada ma nfethitx jidher li hemm zewg ittri.

Huwa fisser lil Kunsill li wiehed minn dawk li tefa l-ittra ta' interess fil-hin ma kienx car f'dak li jaghmel. Tant li gie biex jitfa' il-costings tieghu wara li ghalaq iz-zmien stipulate.

Is-Sindku stqarr li dan thalla jaghmel hekk.

Waqt il-laqgha qamet diskussjoni dwar jekk it-tieni persuna interessata fil-progett kienitx in order li titfa' il-costings taghha wara id-data ta' l-gheluq.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada, issekondata mill-Kunsillier Louis Henwood ressqu mozzjoni biex jinfethu u jigu ikkunsidrati biss l-ittri ta' expression of interest li intefghu fil-hin stipulat fl-avvizz.

Votazzjoni 2 favur u 2 astensjoni

Il-Kunsillier Charmaine Gerada instemghat tghid 'Casting Vote'.

Is-Sindku, wara pawsa stqarr li sejjer jaghti decizjoni tieghu dwar dan fil-laqgha li jmiss u iddikjara il-laqgha maghluqa. Il-hin kien it-8.10pm

Il-laqgha tal-Kunsill ntemmet fit-8.10pm

It-tkomplija giet aggornata ghal data ohra.

Konfermati bhala konsistenti u korretti nhar

Joseph Casha
Sindku

Alphonse Zammit
Deputat Segretarju Ezekuttiv